MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 560/2009

**Ivan Azzopardi (K.I.362059M) fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali ta' Robert Caruana (Passaport Nru. 837026) imsiefer minn dawn il-gzejjer**
**vs**
**Piero Timpano (I.D. 34531A)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut lill-attur bhala mandatarju specjali ta' Robert Caruana assenti minn dawn il-gzejjer ghall-hlas ta' elfejn hames mija u erbghin ewro (€2,540) rapprezentanti arretrati ta' kera ta' l-appartament numru 1, Fairview Flats, Cameron Street, Gzira proprjeta' ta' Robert Caruana lilu dovuti ghall-erba' xhur kera li bdew jiddekkorru mis-26 ta' Marzu, 2009 kif ukoll pagament dovut ghall-uzu ta' dawl u ilma u illi l-konvenut, minkejja li gie bosta drabi interpellat permezz ta' ittra legali, kif ukoll kuntatti ohra, baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez legali kontra l-konvenut, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 22 ta' Mejju, 2009, tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju datat 15 ta' Gunju, 2009, Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju datat 15 ta' Gunju, 2009, u r-rikors ghall-elevazzjoni fl-atti tal-mandat ta' qbid u datat 15 ta' Gunju, 2009, kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Traduzzjoni ta' dana l-att ghall-lingwa Ingliza skont il-ligi hija annessa bhala dokument 'A' mal-atti ta' din il-kawza.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Mark Bencini fit-30 ta' Ottubru, 2009 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------